Informazzjoni

# Il-Mużika

## *Ruħ il-Festa Barokka*

minn Reno Saliba

### Daħla Storika

Il-Barokk jirrappreżenta wirja ta' enerġija u bidla mir-riġidità ta' l-istil rinaxximentali. F'din l-epoka naraw taqlib fil-kuxjenza[1] tal-bniedem, żmien li fih seħħet bidla f'kull ġeneru ta' l-epoka. It-teatru kellu jesprimi bl-aktar mod ċar l-ispirtu Barokk, fejn id-drammatiċità narawha tinfiltra kull aspett tal-ħajja[2], fejn id-dinja u l-eżistenza tagħna fiha kienet meqjusa bħala palk. Din kienet epoka mimlija paradossi, minn pompa u kburija, għal faqar u miżerja, ereżiji u abbużi għal devozzjonijiet u axxetiżmu.

Il-moviment barokk beda lejn tmiem is-seklu sittax u ntemm għal nofs is-seklu tmintax. Biex wieħed jagħraf il-kunċett tal-Barokk fit-totalità tiegħu, wieħed irid jifhem li dan il-moviment **twieled** fi tmiem ta' **seklu mudlam**, fejn il-valuri sfaw mhedda, kien seklu ta' protesti kontra l-istat, ġlied bejn l-insara fost dawk li għajtu għal riforma 'l barra mill-knisja u dawk li riedu riforma u baqgħu fi ħdan il-knisja, filwaqt li appoġġjaw il-kontro-riforma. Kien żmien fejn il-fidi u r-raġuni qasmu l-Ewropa, in-nies kienet kurjuża dwar l-iżvilupp fix-xjenza, madanakollu baqgħet preokkupata bil-ġenna u l-infern, filwaqt li nqabdet bejn ħaltejn, it-tiftix ta' l-għarfien fix-xjenza u t-teoloġija. Il-kontinent Ewropew kien għatxan għal ordni ġdid, minħabba li dan is-seklu kien meqjus bħala wieħed ta' kriżi, taqlib u ġlieda sħiħa għas-sopravivenza. Ma' dan kien hemm taqlib fit-temperatura li wassal għal għaks kbir, fejn saħansitra jingħad li n-nies kienet tħaffer b'idha fil-ħamrija biex tiġbor l-għeruq[3] niedja u tikolhom, meta kienet issibhom. Kien meħtieġ investiment u tiġdid fit-teknoloġija sabiex jingħelbu dawn id-diffikultajiet. Imbagħad l-istat modern fl-era Barokka, ħa xejra ċentralizzata, b'sistema ta' gvern li kien jistrieħ fuq il-liġi, il-burokrazija u l-forza.

Din l-istess kriżi tas-seklu sbatax kellha tkun ix-xrara li tixpruna bidla radikali. L-istil Barokk jirrifletti bl-aktar mod drammatiku dawn l-esperjenzi mqallba. Għaldaqstant hekk kif nsibu fit-teorija ta' Kepler u xjenzati oħra fosthom Koperniku, Galileo u Newton, li kienu għarfu li l-pjaneti jduru f'ordni u armonija max-xemx, hekk ukoll naraw dawn is-sejbiet, jirriflettu fi knejjes mibnija fuq pjanti b'linji mmewġa, bil-ġebel minqux mimli disinnji u mogħti xejra fluwida, lil hinn mill-kalma u s-simetrija rinaxximentali. Naraw soqfa mistrieħa fuq ħnejjiet, miksija b'pittura li minnha jixirfu xeni smewwija. Epoka mibnija fuq ir-razzjonal *(ir-raġuni)*, fejn il-bniedem donnu ssieħeb mal-ħajja eterna u l-ferħ ta' Alla, żmien ta' riflessjonijiet dwar l-immortalità tar-ruħ, filwaqt li l-mewt kienet assoċjata mal-kunċett ta' żmien u spazju, f'rabta ma' din id-dinja.

Il-Protestanti u membri fi ħdan il-knisja nnifisha, wasslu sabiex jirriformaw l-istess knisja li sisienha kienu mhedda. Il-Kontro-Riforma mwettqa min-naħa tal-kattoliċi u li sseddqet mill-Konċilju ta' Trentu, tat sens ta' ottimiżmu fi ħdan il-knisja kattolika. Din il-ħeġġa ssarrfet f'xogħlijiet kbar artistiċi, li kellhom l-għan li jimpressjonaw u jolqtu lis-sensi, biex saħansitra dawk illitterati setgħu jieħdu sehem ukoll f'din il-glorja li kienet għaddejja minnha l-knisja, filwaqt li kulħadd seta' jaqsam l-esperjenza mistika tal-qaddisin[4] li issa bdew jingħataw dehra aktar tanġibbli fl-iskultura, pittura, kif ukoll fil-kitba.

F'dan il-kuntest kollu flimkien mal-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta (1530 – 1798), naraw kif il-gżejjer tagħna kienu esposti għal kulturi ġodda, biżżejjed wieħed iżomm f'rasu li issa kien hawn fostna l-influwenza ta' tmien lingwi differenti qalb kulturi mżewqa ġmielhom, nistgħu ngħidu li Malta nbidlet f'mogħdija, li fiha ltaqgħu razez u kulturi[5] differenti. L-istess lingwa Maltija tixhed dan fl-elementi li jsawruha, li huma: is-Semitiku, ir-Romanz u aktar tard l-Anglo-Sassonu.

Wara l-**Konċilju ta' Trentu** (1545-1563), kif għidna nfirex spirtu ġdid li ġab miegħu bidliet kbar, fejn il-klima reliġjuża ġġeddet. Il-liturġija kienet irriformata, l-istess nistgħu ngħidu għar-responsabbiltajiet tal-Kleru, fetħu seminarji ġodda, l-edukazzjoni tqiegħdet fuq quddiem, is-simonija*(il-bejgħ ta' privileġġi ekkleżjastiċi)* kienet kundannata,

u l-quddiesa kienet ikkonfermata bħala tiġdid tas-sagrifiċċju ta' Kristu. Il-Kontro-Riforma kellha l-għan li tħabbar knisja rebbieħa fuq l-avversarji tagħha. Kien żmien fejn kif diġà semmejna, ir-rivoluzzjoni xjentifika ġabet bidliet kbar, issa ħadd ma kellu jistrieħ biss fuq it-tradizzjoni bħala l-bażi ta' l-għerf, imma kollox kellu jkun mistħarreġ xjentifikament. Id-dinja kienet imxennqa għal dinja armonjuża li tagħmel sens. Il-lingwaġġ fl-oqsma kollha ta' l-arti kien jirrifletti din il-mentalità moderna, fejn sabet il-qofol tagħha fil-kontribuzzjoni xjentifika ta' Newton, li kienet imsejsa fuq prinċipji mekkaniċi li kellhom ikunu ipprovati matematikament u murija bi tbassir preċiż[6]. L-arkitettura, il-pittura, il-letteratura u l-**mużika**, issa kellhom l-għan li jirriflettu u jidwu l-kisbiet u s-sejbiet kbar xjentifiċi li wrew univers dinamiku, ordnat u msejjes fuq liġijiet naturali kif stabbiliti f'din l-era Barokka.

## Il-Qagħda tal-Mużika f'Malta f'din l-Epoka Barokka

F'dan il-kuntest storiku, wieħed jista' jifhem kif lejn tmiem is-seklu sittax u l-bidu tas-seklu sbatax, il-Barokk kien introdott fl-arkitettura tal-knejjes tagħna u f'oqsma oħra ta' l-arti, fosthom fil-mużika. Kemm il-Katidral ta' l-Imdina, kif ukoll il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, ikkontribwew bis-sħiħ b'riżq il-mużika f'dan l-istil. Ta' min isemmi li ż-żjara ta' l-Isqof Pietru Dużina fl-1575, ħeġġet din il-kultura wkoll. Kien l-istess isqof li ħatar *magister cappellae*, fejn xogħlu kellu jkun li jgħallem il-mużika lill-kjeriċi u 'l-qassisin[7].

L-awtoritajiet tal-knejjes lokali bdew jinvestu l-flus sabiex jippromwovu l-mużika. Biżżejjed nieħdu l-eżempju ta' l-isqof Baldassere Cagliares, kif dan nefaq elf skud[8] fis-sena għal dan il-għan. Għaldaqstant bdejna naraw żviluppi ġodda fil-qasam tal-mużika, anke hawn Malta. Fil-bidu l-kapella mużikali kellha biss madwar ħames mużiċisti minbarra s-surmast u l-organista; fl-1627 in-numru tela' għal tmintax.

L-istudjuż ta' l-istorja Gan Franġisk Abela meta jsemmi r-rwoli ta' l-ekkleżjastiċi, membri tal-Katidral ta' l-Imdina, jgħid kif l-għaxar kanonċi kienu jassistu l-kor[9] kuljum matul ix-xitwa filwaqt li fis-sajf kienu eżentati għal ġimagħtejn. L-isqof Alferan kien jippenalizza 'l dawk il-mużiċisti li kienu jfallu mingħajr ġustifikazzjoni. Matul is-seklu tmintax il-*capella* għaddiet minn problemi finanzjarji, tant li l-kanonċi daħlu biex jagħmlu tajjeb għad-dejn, u ttieħdu l-passi biex jitqaċċtu l-ispejjeż.

Xi drabi l-*capella* ta' l-Imdina u dik ta' San Gwann għaqqdu l-forzi tagħhom f'festi bħal dik ta' San Pietru u San Pawl[10] u f'xi pussess ta' Isqof jew xi quddiesa *requiem (tal-mejtin)* bħal dik għal Fra Gaspare fit-22 ta' Lulju 1727. Mużicisti minn *Cappellae* differenti, fosthom mit-teatru tal-Belt, minn San Ġwann, mill-Katidral ta' l-Imdina, u mill-knisja ta' San Pawl, kantaw flimkien it-*Te Deum* u quddiesa solenni fl-1769, fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħatra ta' Papa Klement XIV[11]. Ta' min jgħid li din il-kollaborazzjoni ma kinitx ristretta għal okkażjonijiet hekk kbar biss, imma wkoll dawk fuq skala lokali, tant li għal waħda mill-festi ta' Santa Marija f'Ħ'Attard, ingħaqad it-tenur tat-teatru[12] flimkien ma' erba' kantanti oħra. Ir-repertorju li kellhom għall-ewwel vespri kien: is-*Salve,* il-Litanija, *Tantum Ergo*, u l-quddiesa, filwaqt li għat-tieni vespri kellhom: il-*Falso*, l-Litanija u t-*Tantum Ergo*. It-Tenur tħallas 10 skudi, ħlas pjuttost tajjeb, forsi għax kienu qalgħuh mit-teatru, filwaqt li l-oħrajn irċevew medja ta' 6 skudi. L-istess ġara fl-1776, did-darba f'Ħal Qormi, fejn il-baxx ta' *Citta Vecchia*[13] ħa sehem fil-festi tal-patrun tar-raħal u tħallas (1) skud u 8 irbajja' għal xogħlu. Dan kollu juri kif anke festi lokali ddakkru mill-mużika ta' kwalità li dwiet fl-inħawi magħrufa għall-prestiġju tagħhom fi gżiritna u li servew bħala mudell.

## Il-Parroċċi bħala Sostenituri tal-Mużika – fosthom Ħ'Attard

Il-parroċċi ma qagħdux lura milli jħallsu somom imdaqqsa għall-mużika, dan jixhduh l-istess kontijiet ta' dawn il-parroċċi, li fihom hemm irreġistrati l-ispejjeż għall-kontribuzzjonijiet mużikali fil-festi lokali. Hekk ngħidu aħna sa minn żminijiet bikrija, fil-kontijiet tal-Parroċċa ta' Ħ'Attard jidhru spejjeż ta' 15-il skud u 6 irbajja' għall-mużika fil-festa tar-Rużarju li kienet iċċelebrata fil-21 ta' Novembru 1655 f'jum il-viżitazzjoni[14]. Għall-festa ta' l-Assunta ta' l-1728, b'mużika ta' Simone Sciampagna[15], li kien ukoll il-*Maestro di Cappella* tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ; tħallset is-somma ta' 17-il skud. Fl-1797, il-prokuratur, Rev D. Vincenzo Sciortino[16], ħallas somma konsiderevoli ta' 69 skud għall-ispejjeż tal-mużika waqt il-quddies, il-vespri, il-purċissjoni, it-*Te Deum* u fl-*Infede dica*, li saru tul il-festa tar-raħal.

Tajjeb wieħed isemmi xi spejjeż awżiljarji fosthom dawk ta' ċertu Domenico Farrugia, li tħallas 3 irbajja' għax kien ħa ħsieb il-minfaħ ta' l-orgni. Dak iż-żmien l-orgni kien jindaqq permezz ta' minfaħ li kien jitħaddem bi ħlas minn irġiel u ġuvnotti; fl-inħawi tar-Rabat kienu jqabbdu wkoll l-iskjavi[17], u fil-Birgu jissemmew il-pastażi[18], magħrufa aktar għas-servizz ta' ġarr ta' tagħbija. In-nisa wkoll kellhom sehem f'din il-ħidma, tant li fil-festa ta' San Pietru u San Pawl, iċċelebrata fil-monasteru ta' San Pietru fl-Imdina, ċerta Gio Maria Portelli[19] tħallset għax ħadet ħsieb il-minfaħ tar-*regaletto*, li kien speċi ta' orgni żgħir, għaldaqstant seta' faċilment jitħaddem minn mara.

Dehra ġenerali ta' l-ispejjeż[20] għal festa oħra ta' l-Assunta f'H'Attard, juru li kien hemm erba' vuċijiet għall-ewwel vespri, *falso*, il-litanija u *Tantum Ergo*, kantati minn: De Salvo u Falzon flimkien mat-tenuri, Luigi u Molino. Kien hemm vjolinisti, il-prim u s-sekond Obwe u kornu, il-vjolinċell u l-kuntrabaxx, dawn swew 26 skud u 10 irbajja'. Għall-quddiesa kien hemm seba' vuċijiet, akkumpanjati minn obwe, kornu prim u ieħor sekond, vjolinċell u kuntrabaxx, għall-ispiża ta' 25 skud u 2 irbajja'. Għat-tieni vespri u t-*Tantum Ergo*, nqalgħu tmien vuċijiet, obwe, żewġ korni, vjolinċell u kuntrabaxx li swew 26 skud u 10 irbajja'. Għall-purċissjoni msejħa '*della terza la Matina*', kien hemm żewġ vuċijiet, żewġ vjolini u vjolinċell, li swew (1) skud u tmien irbajja'. Għall-*Matutino e due Compiete in Falso Bordone*, kien hemm tliet vuċijiet u kuntrabaxx, bl-ispejjeż jilħqu 4 skudi u 2 irbajja'. Kien hemm żewġ vuċijiet u żewġ vjolini għall-purċissjoni ta' wara l-kompieta *(Compieto= talb)* li swew skud u 4 rbajja'.

Ta' min jgħid li kienu tħallsu 15-il skud għat-trasport tal-mużiċisti, kienu ngħataw ukoll l-ikla ta' nofsinhar u dik ta' filgħaxija bi spejjeż ta' 13-il skud. Is-Surmast tħallas 20 skud, ċifra pjuttost għolja u li turi l-istima li kienet iġġorr din il-pożizzjoni. L-ispiża totali għal dawn il-festi laħqet is-somma ta' 134 skud u 8 irbajja'. Dan kollu jixhed il-kontribut li l-festa lokali kellha sabiex tinxtered il-kultura favur il-liturġija u l-edukazzjoni fil-qasam tal-mużika, dejjem fl-ispirtu tal-konċilju ta' Trentu; filwaqt li nosservaw l-influwenza mgħoddija mill-Katidral ta' l-Imdina u l-Knisja Konventwali ta' San Gwann li kienu xempju li kellu jkun segwit.

Dan kollu beda jħalli frott, tant li mal-mogħdija taż-żmien naraw it-treġija tal-mużika tgħaddi f'idejn il-Maltin, fosthom ċertu Emmanuele Galea li ħaddan il-kariga ta' *Maestro di Cappella*[21], tant li fit-18 ta' Ottubru 1836 serva f'din il-kariga u jidher li tħallas 16-il skud għall-mużika provduta għall-vespri f'H'Attard. Dan kollu jgħodd għal parroċċi oħra fejn festi lokali u dawk li jsawru l-kalendarju tal-knisja, kienu animati permezz tal-mużika; festa partikulari kienet dik tal-Milied fejn kienu jitkantaw il-litaniji[22] li fl-1834, servizz bħal dan kien sewa 9 rbajja' u 10 ħabbiet. Ta' min isemmi li parti minn dawn l-ispejjeż kienu jitħallsu permezz ta' testmenti mħollija, eżempju wieħed mill-Parroċċa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, jgħinna nifhmu dan, meta D. Georgio Mula ħalla 2 skudi għall-kant tal-*matutino*[23] li esegwixxa ruħu fil-festa tal-patrun fl-1767.

## Riċevimenti u Trattamenti f'Ġieħ il-Mużiċisti

Mill-ħlasijiet li kienu jieħdu l-mużiċisti, jidher li kienu stmati kulfejn servew. Kien isir ukoll skambju ta' mużiċisti ma' parroċċi żgħar u b'hekk l-ispirtu armonjuż tal-mużika kontemporanja kien jitgawda minnhom ukoll. Każ partikulari li jsaħħaħ dan, insibuh fis-Siġġiewi, żmien meta r-raħlin qajla kienu jitħarrku mir-raħal tagħhom; madanakollu ngħataw l-opportunità li jisimgħu mużika li kienet tindaqq fil-Belt. Biex dan iseħħ kien ipprovdut trasport[24] lill-mużiċisti, lejn is-Siġġiewi u lura li kien sewa 3 irbajja' u 10 ħabbiet. Għal dak iż-żmien kien vjaġġ pjuttost twil u skabruż, meta wieħed iqis il-mogħdijiet mħarbta f'dawk iż-żminijiet, kienet sfida li turi d-determinazzjoni lejn qawmien kulturali.

Ħafna drabi l-mużiċisti kienu jingħataw ikliet u akkomodazzjoni, u dan jinftiehem meta dawk iż-żminijiet ma kienx faċli tivvjaġġa lura d-dar wara s-servizz, għaldaqstant xi drabi l-mużiċisti kienu jibqgħu għal jiem sħaħ fir-raħal, sabiex jagħtu servizz effiċjenti u mingħajr spejjeż u skariġġ żejjed. Il-mużiċisti kienu jingħataw pożati, tazzi u dak kollu meħtieġ fil-kċina, flimkien ma' xi ingredjenti għall-ikel, fosthom żejt għat-tisjir. Hekk ngħidu aħna l-mużiċisti li taw servizz is-Siġġiewi[25], ngħataw tazzi tal-kristall, *cannata bianca* u pagana (speċi ta' kazzola biex isajru fiha). Għall-festa ta' San Nikola, nhar is-6 ta' Diċembru 1737, il-mużiċisti ngħataw lariġ u b'kemm jiswa 8 ħabbiet *muscatel (inbid).* Fil-knisja ħlejwa ta' Duna ir-Rabat, dedikata lil Santa Marija, hemm reġistrati spejjeż ta' 4 rbajja' u 16-il ħabba għal tliet *mondelle* ta' ġellewż[26], li tqassmu lill-kjeriċi li kantaw tul il-kwindiċina, u 'l dawk li assistew fil-festa. Il-mużiċisti kienu jingħataw ukoll bukketti tal-fjuri b'apprezzament, hekk kien sar f' Ħal Qormi, għall-festa ta' San Ġorġ[27] ta' l-1758, dan bi spejjeż li qabżu 2 skudi. Kienu jingħataw ukoll bukketti tal-fjuri lill-isqfijiet, inkwiżituri u Gran Mastri, ġeneralment l-ispejjeż tal-bukketti kienu jvarjaw skond il-grad ta' min ser jirċevihom.

## Mużika Għall-Festi Esterni

Il-Barokk hu magħruf għall-wirjiet pompużi, li jagħmlu parti integrali mill-istess kunċett, u dan l-ispirtu kien joħroġ 'il barra mill-ħitan tal-knisja, sabiex jinfirex mat-toroq ewlenin u jitgawda mill-ġemgħa kollha. Il-karatteristiċi urbani u rurali flimkien ma' l-armar fit-toroq u l-pjazez, bħal xenarju fuq palk, kienu joffru sfond adegwat għal dan it-teatru tat-triq, u l-istess folla kienet toħloq atmosfera li għadna narawha fil-festi tagħna sal-lum. Ma' dawn l-aspetti kollha ma setgħetx tonqos il-mużika li flimkien mal-logħob tan-nar, kienet toffri ritmu li kien janima din l-esperjenza kollettiva. Dawn il-bidliet u l-iskambji fil-festi tagħna, kienu xprunati mill-kulturi differenti li ġabu magħhom il-Kavallieri, li l-festi tagħhom kienu magħrufa għal mod ċelebrattiv u eżuberanti. Kif diġà rajna, il-

Katidral ta' l-Imdina u l-Knisja Konventwali ta' San Ġwann kienu xempju ta' kwalità, li kienu jospitaw saħansitra artisti barranin[28].

Meta wieħed jgħarrex fl-arkivji, jintebaħ kif anke l-irħula tagħna ddakkru sabiex huma wkoll idaħħlu elementi barranin fil-festi tagħhom. Dan ma kienx jgħodd biss għall-kantanti u mużika liturġika, imma wkoll fil-każ ta' baned barranin, li kienu jinġiebu Malta. Fl-1800, il-kontijiet tal-festa ta' Santa Marija f'Ħ'Attard, juru ħlas ta' 17-il skud mħallsa għal banda **Naplitana**[29]. Fl-istess kontijiet għal din is-sena jidhru ħlasijiet għall-mużika li ndaqqet waqt il-purċissjoni. Din id-drawwa kompliet tul iż-żmien, tant li fl-1828, tissemma banda li ħadet sehem fil-festa li kienet issir f'ġieħ San Ġustu, li għaliha kien tħallsu 5 skudi. Interessant kif dawn l-istess dokumenti jsemmu dettalji żgħar, saħansitra kif għal din il-festa kien inxtara x-xaħam għall-mixegħla tal-fjakkoli. Aktar lura fiż-żmien naraw li l-kappillan Carmelo Azzopardi (1887-1903) kien ta' kull sena, jaqla' l-banda tar-Riġment[30] għall-festa ta' l-Assunta; li kienet tkun komposta mis-suldati stazzjonati hawn Malta. Ta' min isemmi wkoll li aktar qabel, fi żmien il-kappillan Antonio Vassallo (1846-1869), il-banda popolari ta' Indri[31] kienet tagħti servizz fil-festa ta' San Ġustu u San Fortunatu, li kienet tiġi ċċelebrata f'Ħ'Attard. Dil-banda kienet tieħu sehem tul il-purċissjoni bis-sagrament, li kienet tinżamm filgħodu, kif ukoll fil-purċissjoni ta' filgħaxija, bir-relikwa taż-żewġ qaddisin li kienu meqjusa bħala l-patruni tar-raħal.

L-akkumpanjament tal-mużiċisti u kantanti fil-purċissjonjiet jissemmew f'festi oħra fosthom, fl-akkompanjament tal-purċissjoni ta' San Girgor, skond ħlas ta' 4 skudi u 6 irbajja', mħallas mill-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ bid-data tat-12 ta' Marzu 1709[32]. Hekk ukoll fil-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, fl-1774, meta jissemma kif fil-purċissjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, kien hemm akkkumpanjament minn erba' obwe u fagott, għal (1) skud u 10 irbajja'. Xi drabi kien jintrama palk għall-mużiċisti, sewwa sew kif kien sar għall-festa ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, fl-1752[33] u li għalih tħallsu 8 irbajja'. Fl-istess raħal fl-1776, għal lejlet il-festa, biswit l-Ark Reali li kien jintrama, sorġew f'post fiss u x'aktarx fuq xi palk, żewġ trumbetti, tliet obwe flimkien mat-timpani li kienu tħallsu 9 skudi u 5 irbajja'. Għal din il-festa attenda l-Gran Mastru Ruan, u kien ippreżentat b'bukkett fjuri li sewa somma ġmielha ta' 12-il skud. Tliet bukketti oħra kienu ngħataw lil *Gran Croci (kavallier li bħala grad kien iġorr salib sħiħ)* u l-*Paladini*, dawn swew 4 skudi.

B'dan kollu li semmejt ridt nuri kif l-għeruq tal-festa Maltija kif żviluppat illum, taf din l-era Barokka, festa li hija msejsa fuq esperjenza multi-senswali, li writna u seddaqna tul iż-żmien. Il-kult, id-devozzjoni, il-folklor u t-tradizzjoni, jesprimu ħsus eżistenzjali aktar profondi tar-ruħ, bil-mużika tilgħab parti importanti. Bil-ġarr ta' xi relikwa jew statwa qalb ġemgħa nies, bl-akkumpanjament tal-kant u t-tifħir lill-Patrun jew Patruna, flimkien mad-daqq tal-qniepen u l-logħob tan-nar, tinħoloq atmosfera spettakolari kollha pompa li tissarraf f'teatru ħaj tat-triq, li minnu għadna ngawdu fil-festi barokki tagħna, sal-ġurnata tal-lum.

**Abbrevjazzjonijiet:**

AAM Arkivji Arċiveskovili, Malta
AKSP Arkivji tal-Kripta ta' S. Pawl, ir-Rabat Malta
AP Arkivji tal-Parroċċi

© RENO SALIBA

1 R. Harbison, *Reflections on Baroque*.
2 A.Vassallo, 'The Theatre-City', *Baroque Roots*, No.3, (2001), 8.
3 G. Treasure, *The Making of Moder Europe*.
4 W. Fleming, *Arts and Ideas*, 230.
5 F. Bruni, *Musica e Musicisti Alla Cattedrale di Malta Nei Secoli XVI-XVIII.*
6 J.B. Cohen, *Revolution in Science*, 166.
7 J.AzzoAPrdi and M. Sansone, *Italian and Maltese Music in the Archives at the Cathedral Museum of Malta, Vol.1, 95.*
8 F.Bruni, *Musica e Musicisti alla Cattedrale di Malta Nei Secoli XVI-XVIII*,15.
9 G.F.Abela, *Della Descrittione di Malta*, 333-334.
10 F.Bruni, *Musica e Musicisti Alla Cattedrale di Malta Nei Secoli* XVI-XVIII.
11 Ibid
12 AP, Casal Attard, *Libro dell'Introito ed Esito diverso, (1690-1808)*, kont imwaħħal mad-dokument nru:105.
13 AP, Citta Pinto, *LamAPde*, (1774-1776), 93.
14 AP, Casal Attard, *Rużarju*, (1617-1662)
15 AAM, Conti Casal Attard, Vol.1, *Veneranda LamAPda* (1728-1729)
16 AP, Casal Attard, *Libro dell'Introito ed Esito Diverso*, (1690-1808),98.
17 AKSP, *Conto C18*. (1749), 49.
18 AAM, *Conti Vittoriosa*, Vol. 99, S.Lorenzo, (1661-1667)
19 AAM, *Conti Notabile*, (1705-1709), 202.
20 Ibid.,
21 AP, Casal Attard, *Introito* (1826-1847), 171.
22 AP, Casal Attard, *Introito* (1826-1847),182.
23 AP, Citta Pinto, *LamAPde*, (1766-1770)
24 AAM, Conti Siggiewi, Vol. 65, *'Veneranda LamAPda del Ssmo Sacramento'*, (1675-1685)
25 AAM, Conti Siggiewi, Vol. 65, *Veneranda LamAPda del Sacramento*, (1674-1685).
26 AAM, Conti Notabile, Vol.55, *S. Maria ta' Duna*, (1699-1708), 13.
27 AP, Citta Pinto, LamAPde, (1755-1758), 97.
28 F.Bruni, *Musica e Musicisti alla Cattedrale di Malta Nei Secoli XVI-XVIII*,(2001).
29 AP, Casal Attard, *Libro dell'Introito ed Esito diverso*, (1690-1808), 103.
30 C.Mallia, *Ħ'Attard400 sena APrroċċa*, (1975), 21.
31 Ibid., 10.
32 AP, Casal Zebbug, *Veneranda LamAPda*, (1706-1710).
33 AP, Casal Curmi, *LamAPde*, 1750-1752,67.